**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 ta' Ottubru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Keith Vella, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 0047689M**

***Kumpilazzjoni Nru. 604/2009***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Keith Vella u ċioè talli:

a.) Nhar id-19 ta' Ġunju 2009, għall-ħabta ta' l-10:30 ta' filgħaxija, filwaqt li kien fl-inħawi tal-ponta ta' l-Isla, dolozament, bil-ħsieb li kkaġuna ferita' ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat minn Bormla, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi ħebb għalih permezz ta' arma bil-ponta (tornavit), liema delitt ma' ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta' tiegħu.

b.) Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, fid-19 ta' Ġunju 2009, għall-ħabta ta' l-10:30 ta' filgħaxija, filwaqt li kien fl-inħawi tal-ponta ta' l-Isla, volontarjament ikkawża ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat minn

Bormla, skont kif iċċertifikat minn Dr. Daryl Xuereb M.D. miċ-Ċentru ta' Saħħa ta' Raħal Ġdid.

c.) Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħhom, meta hu kien jaf jew imissu kien jaf li, b'tali mġieba tiegħu, ser jikkaġuna lil ħaddieħor biża'.

d.) Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebb għal Amadeo Brincat minn Bormla, sabiex jinġurjah, iddejjqu u jagħmillu ħsara.

e.) Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, filwaqt li kien fl-inħawi tal-ponta ta' l-Isla, fil-ħin ta' matul il-lejl volontarjament kiser il-Bon Ordni u l-kwiet fil-pubbliku.

f.) Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, qal kliem oxxen, indiċenti u dagħa.

g.) Fl-istess data, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu arma irregolari, ċioe' tornavit.

Talli kiser il-provediment ta' Artiklu 22 tal-Kapitlu 446 li ġie mpost fuqu mill-Maġistrat Dr. Laurence Quintano LL.D. fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u liema provediment ġie effettiv mit-12 ta' Jannar 2009.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artiklu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena stabbilita bil-Liġi, tapplika ukoll l-Artikli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni

fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali xejn felici tieghu, tal-ammissjoni tieghu kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment li dan hu kaz li jirrisali ghall-2009 u fejn kwalunkwe dewmien ma kienx dovut ghall-imputat. Ittiehed konsiderazzjoni tas-social enquiry report redatt mill-Ufficjal ghall-Probation and Parole.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41, 214, 215, 216, 217, 221, 251B, 338(m)(bb)(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal tlett snin (3) millum.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat ammetta ukoll li kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'ordni tat-12 ta' Jannar, 2009, maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom huwa kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Jinghad illi mill-atti quddiemha ma jirrizultax kemm kien l-ammont tas-sustanza li dwarha qed tinstab htija u ghalhekk tenut kont tal-principju

*in dubbio pro reo* l-Qorti qed tqis li ghandu jsib applikazzjoni l-artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk wara li regghat rat it-Taqsima III u VI, l-artikoli 8(a), 22(1)(a),(2)(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, (L.S.101.02), l-artiklu 4(1)(2) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal *multa* ta' €50.

A tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika li jista` jirrikjedi.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €172.05c rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma jsegwix l-ordni ta' trattament.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**